# 30 SENA TA' PROĠETTI

Hekk kif issemmi s-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, bla ma trid mill-ewwel taħseb fil-marċ grandjuż tal-Ewwel Tridu u s-sopriżi li jiġu inawgurati hekk kif il-banda tasal fil-bokka tal-misraħ ewlieni ta' raħalna. Dakinhar jinqata' l-frott ta' sena ħidma li tkun wettqet is-Sezzjoni Żgħażagħ matul is-sena - proġetti tal-briju u tal-armar li huma t-timbru ta' din is-Sezzjoni fil-Festa Titulari ta' raħalna.

Sa mill-bidu, is-Sezzjoni bdiet turi l-kapaċitajiet tagħha. Matul il-festa tal-1992, inqas minn ħames xhur wara t-twaqqif tagħha, is-Sezzjoni żanżnet **żewġ bandalori** tal-marċ sabiex jimmarkaw li minn issa 'l quddiem fir-raħal kien hawn xi ħaġa ġdida. Waħda mill-bandalori ġġib l-arma tal-Banda, il-qalba tas-Soċjetà tagħna, u t-tieni bandalora ġġib l-iskrizzjoni "ZURRICANORUM PATRONA – SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI 1992".

Il-festa tal-1993 rat l-introduzzjoni ta' element ġdid fil-festi Maltin. Dik is-sena ġie mżanżan l-**Iljun Mekkanizzat** li għaġġeb lil bosta hekk kif żbokka ġewwa l-pjazza minn Strada Rjali. Matul is-snin 90 saru diversi sorpriżi u proġetti tal-briju oħra. Insemmu x-**xibka tal-bżieżaq** li kienet tesa' ħmistax -il elf bużżieqa, l-**arma ta' Santa Katarina** bil-fjuri tal-karti, il-**billboard bit-tliet faċċati** li kien sar f'għeluq il-5 snin mit-twaqqif tas-Sezzjoni, il-**kompjuter tal-bozoz** u t-**trijangolu** jdur juri pitturi relatati ma' Santa Katarina V.M.

Is-sena tal-Ġublew tibqa' memorabbli għal meta ġiet imsaqqfa l-pjazza **b'xibka kbira** bi strixxi tal-plastik ħomor li kellha l-kelma VSK fuqha. Għall-festa ta' dik is-sena wkoll sar il-**kompjuter tal-bżieżaq**. Għall-Marċ tal-aħħar Tridu kien sar **inkwatru kbir b'pittura** meħuda minn fuq it-Titular fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M.. Dan kien inkixef wara li kien intwera feature għall-ewwel darba. Fl-2001 il-pjazza reġgħet issaqfet, din id-darba bil-kliem "**Kemm aħna kbar – Tal-Palma**".

L-2002 tibqa' mnaqqxa f'qalb kull Katarinjan hekk kif il-Papa Ġwanni Pawlu II reġa' daħħal il-25 ta' Novembru bħala Jum Santa Katarina V.M. fil-Missal Ruman. Ma setax jonqos li s-Sezzjoni tfakkar din il-ġrajja importanti. Għalhekk, dik is-sena ġie mżanżan il-**Ktieb** li kien jikkomemora din il-ġrajja. Flimkien ma' dan il-Ktieb, kien sar il-**Jackpot** sabiex jimmarka l-10 snin mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti kif ukoll **ballun kbir** li ddendel f'nofs il-pjazza li hekk kif jinfetaħ kienu jinżlu l-bżieżaq. Fl-2003 sar proġett tal-briju msejjaħ it-**Toaster** li kien jirrappreżenta l-Parroċċa ta' raħalna ddedikata lil Santa Katarina V.M.

Is-Sezzjoni kienet ħasbet biex tfakkar żewġ anniversarji importanti. Dak tal-140 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà fl-2004 u dak tal-50 sena mill-inawgurazzjoni tal-planċier fl-2006. Għal dawn iż-żewġ anniversarji kienu saru **2 arpi** b'siltiet minn ġrajjiet important relatati ma' dawn iż-żewġ anniversarji.

Is-sena taċ-ċentinarju l-kbir, l-2005, rat l-introduzzjoni ta' sistemi tal-hydraulic f'raħalna. Dan permezz tal-inawgurazzjoni tal-**imrewħa**. Titla', tinfetaħ u taqleb b'żewġ faċċati. Sistemi uniċi għal raħalna u għal pajjiżna. Proġetti b'sistemi simili segwew… fl-2006 il-**Fjura ż-Żgħira**, fl-2008 il-**Fjura l-Kbira**, fl-2009 l-**Umbrella** u fl-2010 l-**Inkwatru l-Kbir** li jaqleb il-pitturi. Kollha bis-sistemi tagħhom u li għadna naraw fil-pjazza tagħna sal-ġurnata tal-lum. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għas-Sezzjoni Żgħażagħ li sistemi simili bdew jiġu introdotti fil-festi Maltin, inkluż f'raħalna.

Dawn is-sorpriżi dejjem ġew ikkumplimentati bi proġetti żgħar oħra bħal ngħidu aħna inkwatri bil-fjuri tal-karti, l-arma tas-Sezzjoni Żgħażagħ bil-bozoz, diversi settijiet ta' bnadar għall-marċi fosthom ukoll bil-pittura, arkuni tal-bżieżaq u ħafna oħrajn.

Wara sensiela ta' proġetti tal-briju, is-Sezzjoni dawret ħarsitha fuq proġetti relatati mal-armar tal-Festa. L-2011 tibqa' mmarkata bħala sena fejn din is-Sezzjoni qatgħet ix-xewqa ta' bosta membri tas-Soċjetà billi wara riċerka u ħidma kbira ġie inawgurat l-**Ark Trijonfali** rrestawrat wara aktar minn 60 sena ma jintramax. Wara l-Ark, fl-2012 segwiet il-**Kuruna Maestuża** li fl-2018 kienet ġiet indurata u kkumplimentata **b'żewġ kolonni** kbar bl-iskultura. Fl-2018, sabiex jitfakkar il-Bi-ċentinarju mill-wasla tal-Istatwa Titulari ta' Santa Katarina f'raħalna, sar il-**Pavaljun il-Kbir**. B'hekk nistgħu ngħidu li t-tliet bokok prinċipali tal-pjazza huma mżejna kif jixraq għall-akbar Festa f'raħalna.

Proġetti oħra relatati mal-armar kienu l-**erba' anġli** ta' taħt iz-zuntier fl-2013, il-**bandalori bil-pittura** u l-istandarti tat-trofej ta' Triq Mons. Pietru Pawl Saydon fl-2015, ir-**restawr tal-istatwi u l-pedestalli renovati** ta' fuq iz-zuntier u l-**pavaljuni ta' Strada Rjali** fl-2019.

Din is-Sezzjoni dejjem ħasbet sabiex tikkumplimenta ħidmet il-Kumitat Ċentrali fi proġetti li saru ġewwa l-Palazz Alexandria, id-dar naturali ta' kull partitarju Palmist. Insemmu fis-snin disgħin, l-**estenzjoni tal-Bar tal-Każin**, il-**bieb ta' barra** flimkien mal-**ħbabat** tiegħu, l-**antiporta,** kif ukoll wieħed mill-akbar proġetti li qatt daħlet għalihom din is-Sezzjoni... l-**Arkivju Mużikali** li ġie inawgurat fl-2004. Insemmu wkoll li fl-2014, f'għeluq il-150 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u wara li ġiet irrestawrata l-faċċata tal-każin, is-Sezzjoni ħasbet sabiex tikkumplimenta dan il-proġett bi proġett ieħor kbir, it-**tiżjin u l-armar ġdid għall-istess faċċata**. Fl-2017, f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni, ġew relegati **sett pitturi għas-saqaf tal-intrata** tal-Każin. Din is-sena wkoll, hekk kif tħabbar il-proġett tar-rinovar tal-pjan terran ta' Palazz Alexandria, is-Sezzjoni tat sehemha wkoll billi ffinanzjat parti mill-proġett li tikkonċerna l-**Palace Arena**.

M'għandniex xi ngħidu li wara stennija ta' sentejn, kulħadd qiegħed fuq ix-xwiek biex jara l-proġett ta' din is-sena. B'ħidma konġunta mas-Sotto Kumitat Armar se jiġi inawgurat **sett ta' 18-il trofej restawrat flimkien mal-bandalori u l-istandarti**. Dan is-sett ta' trofej li oriġinarjament kien sar għal din it-triq kien beda jintrama fi Triq Mons. Pietru Pawl Saydon wara li nfetħet fis-snin sebgħin. L-aħħar li ntrama kien fl-2007 wara li kien inbeda l-proġett tat-trofej il-ġodda għall-istess triq. Għalhekk, b'sodisfazzjon ngħidu li wara 15-il sena se nerġgħu naraw dan is-sett trofej lura fil-glorja tiegħu.

Ċertament li matul dawn it-**30 sena** żgur li ntlaħaq l-għan tat-twaqqif ta' din is-Sezzjoni. 30 sena ta' ħidma, suċċessi u unuri. Proġetti kbar u ambizzjużi però b'determinazzjoni liema bħalha, din is-Sezzjoni dejjem kienet hemm u qatt ma naqset mill-appuntament tagħha ta' nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu. Nawgura liż-żgħażagħ li għad irid jiġu jkomplu fuq dak li bdew ta' qabilna u fuq dan li qegħdin nagħmlu aħna sabiex din is-Sezzjoni tkompli tiddistingwi ruħha bħala l-Ewwel u l-Aqwa Sezzjoni Żgħażagħ fiż-Żurrieq.


PAVALJUN MAL-GALLARIJA GHALL-ĠIMGHA MQADDSA - KAZIN TAL-BANDA STA KATARINA V.M. ŻURRIEQ
CONSUMMATUM EST
Jeremy Cachia
3 MARCH 2015
SCALE 1:10


SORPRIŻA
SEZZJONI ŻGHAŻAGH
PALMISTI
FESTA SANTA KATARINA V.M.
ŻURRIEQ
SCALE 1:12
Jeremy Cachia






SORPRIŻA
SEZZJONI ŻGHAŻAGH
PALMISTI
FESTA SANTA KATARINA V.M.
ŻURRIEQ
IL-PATRUNA
PROTETTRICI
S. KATARINA
TAZ-ŻURRIEQ
Jeremy Cachia
SCALE 1:30
pg 1 of 2.


SORPRIŻA
SEZZJONI ŻGHAŻAGH
PALMISTI
FESTA SANTA KATARINA V.M.
ŻURRIEQ
Jeremy Cachia




BANDIERA - KAZIN TAL-BANDA STA KATARINA VM - ŻURRIEQ
STA KATARINA
L-PATRUNA
TAZ-ŻURRIEQ
SCALE 1:30
Jeremy Cachia


BOZZETT - FESTA STA KATARINA VM ŻURRIEQ


SIDE ELEVATION
Jeremy Cachia


FRONT ELEVATION
Scale 1:10
SIDE ELEVATION
Jeremy Cachia




SOCJETÀ MUŻIKALI
STA KATARINA V.M.
ŻURRIEQ
A.D. 1864


BANDALORI – FESTA
S. KATARINA V.M. - ŻURRIEQ
Jeremy Cachia
3. April 2015


PEDESTALLI Ż-ŻGĦAR TAZ-ZUNTIER. FESTA STA KATARINA V.M. ŻURRIEQ
FRONT ELEVATION
Scale 1:10


Scale 1:5
Jeremy Cachia


Jeremy Cachia


SANTA KATARINA V.M. - ŻURRIEQ
Scale 1:25
Jeremy Cachia


Jeremy Cachia